MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 34/2003

**Universal Publicity Services Ltd**

**Vs**

**Loyalty Services Co. Ltd, Aaron Galea u b'digriet datat 9 ta Dicembru 2003 gie ordnat il-kjamata fil-kawza ta Raymond Bonavia u Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta Jannar 2003 fejn is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta sitt mija u erbgha u sittin lira hames centezmi (Lm664.05) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta minnhom skond l-obbligu minnhom assunt permezz ta dikjarazzjoni datata 27 ta Settembru 2001 Dok A u kif jirrizulta minn prospett anness Dok B;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ufficcjali datata Ottubru 2002 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-eventwali hlas kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Aaron Galea prezentata fl-24 ta Frar 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi l-bilanc mitlub kien dovut mis-socjeta konvenuta stante jallega li l-ftehim kien li l-ammonti kellhom jithallsu ugwalment bejnhu u bejn is-socjeta konvenuta u huwa di proprio gia kien hallas is-sehem tieghu ta nofs l-ammont.
Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta prezentata fis-6 ta Gunju 2003 fejn jidher li qed tikkontesta t-talba attrici fis-sens illi l-konvenut Galea ma kienx awtorizzat jirraprezenta lis-socjeta konvenuta peress li kien ghadu ma giex konkluz il-ftehim tat-trasferiment tal-ishma u kwindi ghalhekk Raymond Bonavia u Paul Zammit kienu ghadhom qed jirraprezentaw lill-istess socjeta konvenuta – Illi l-konvenut Aaron Galea qua azzjonista kien gia hallas is-somma ta Lm318 u ghalhekk is-socjeta konvenuta se mai kellha thallas zewg terzi tal-bilanc mitlub.

Ra li ghalkemm it-Tribunal ordna l-Kjamata fil-kawza kemm ta Raymond Bonavia u kif ukoll ta Paul George Zammit, is-socjeta konvenuta ddikjarat li rrinunzjat ghal tali kjamata fil-kawza ta Zammit li baqa qatt ma gie nnotifikat b'dawn il-proceduri;

Ra li ghalkemm Raymond Bonavia kien gie debitament notifikat b'dawn il-proceduri huwa baqa ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni tal-istess u anqas ma ressaq provi.

Ra x-xhieda prodotti u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi mill-iskrittura esebita mal-avviz bhala Dok A ghandu jirrizulta li d-debitu in kwistjoni u l-obbligu ta ripagament kien gie rikonoxxut u assunt kemm mis-socjeta konvenuta

u kif ukoll mill-konvenut Aaron Galea u kuntrarjament ghall-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Galea ma jidhirx li kien gie pattwit li r-ripagament kellu jithallas ugwalment bejniethom nofs bin-nofs.

Aaron Galea jghid bil-gurament tieghu li s-socjeta konvenuta li kienet taghmel xoghol ta real estate kienet tordna r-reklami fil-gazzetti minnghand is-socjeta attrici u meta tellghet kont ta Lm950 huwa di proprio kien hallas is-somma ta Lm318 liema ammont huwa kien deherlu li kien is-sehem tieghu ta terz fuq is-somma kollha stante li s-socjeta konvenuta kienet kostitwita minn tliet shareholders cioe minnu u miz-zewg persuni l-ohra li eventwalment gew kjamati in kawza. Il-konvenut Galea ghalhekk jaqbel li s-socjeta attrici fadalla tithallas il-bilanc rikjest f'dina l-kawza ta Lm664.05. Hu jsostni li personalment qatt ma nnegozja mas-socjeta attrici u kwindi l-ammont qatt ma seta jkun dovut minnu di proprio. Jaccetta wkoll li kien iffirma l-iskrittura ta dejn mas-socjeta attrici pero jallega li kien imgieghel jaghmel hekk u kien ghad ghandu 18 il-sena u anqas ma kien jaf precizament ghal xiex iffirma. Nonostante tali kontestazzjoni da parti tal-konvenut Galea, ma jidhirx li ttiehdu proceduri gudizzjarji ad hoc minnu biex jattakka l-iskrittura minnu ffirmata li tinsab esebita a fol 2 tal-process bhala Dok A;

Jirrizulta ghalhekk bla ebda dubbju li l-ammont mitlub f'dina l-kawza huwa debitu dovut principalment mis-socjeta konvenuta pero`, l-obbligu ghar-ripagament tal-istess gie assunt ukoll mill-konvenut Aaron Galea in forza tal-precitata skrittura Dok A. Inoltre jinghad ukoll li ma ngabet ebda prova li tindika li dan l-obbligu ta ripagament kien gie b'xi mod anke assunt mis-shareholders l-ohra personalment, l-imsejha fil-kawza.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jillibera lill-imsejha fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju jichad l-eccezzjonijiet sollevati kemm mill-konvenut Galea di proprio u kif ukoll mis-socjeta konvenuta, jiddikjara li l-bilanc mitlub mis-socjeta attrici huwa dovut in solidum bejn l-istess konvenut Aaron Galea u s-socjeta konvenuta Loyalty Services Co. Ltd kwindi

jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti Aaron Galea u s-socjeta Loyalty Services Co. Ltd ihallsu solidalment bejniethom lis-socjeta attrici s-somma mitluba ta sitt mija u erbgha u sittin lira hames centezmi (Lm664.05) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tad an l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kif rikjesti ghandhom jigu wkoll sopportati mill-istess zewg konvenuti Aaron Galea u Loyalty Services Co. Ltd prevja kul dritt ta azzjoni talvolta spettanti lill-konvenut Aaron Galea kontra terzi rizultanti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------